MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1107/2002/1

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mary Jane Camilleri u l-istess Mary Jane Camilleri**

**vs**

**Avukat Dottor Mark Busuttil nominat b'digriet tal-31 ta' Jannar, 2002 bhala kuratur deputat biex jirraprezenta lill-assenti Michaela Hoeller Scharf, u b'digriet tas-7 ta' Mejju, 2002, Bonnici Insurance Agency Limited assumiet l-atti Michaela Hoeller Scharf minflok l-Avukat Dottor Mark Busuttil**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u hames centezmi (Lm1129.05), bhala**

**risarciment ta’ danni, kwantu ghal elf u disgha u ghoxrin lira Maltija u hames centezmi (Lm1029.05) lis-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited noe, u kwantu ghall-mitt lira Maltija (Lm100.00) lil Mary Jane Camilleri, minnhom sborsati bhala konsegwenza ta’ incident awtomobilistiku li gara l-Mistra fit-8 ta’ Mejju, 2001, meta waqt li Michaela Hoeller Scharf kienet qed issuq vettura numru BBK-013 habtet mal-vettura numru AUS-972 propjeta` ta’ Mary Jane Camilleri u misjuqa minnha, ghal liema incident Michaela Hoeller Scharf kienet unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**
**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut noe ghandu jhallas l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali tal-10 ta’ Dicembru, 2001, u tal-procedura tal-bandi kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma’ l-avviz ghan-notifika ta’ l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-imghax legali b’effett mill-10 ta’ Dicembru, 2001 sad-data ta’ l-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fil-31 ta’ Mejju, 2002, fejn intqal illi t-talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez billi l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort ta’ Michaela Hoeller Scharf, is-sewwieqa tal-vettura BBK-013, izda gara tort ta’ Mary Jane Camilleri, is-sewwieqa tal-vettura numru AUS-972;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta’ Joseph Mula, Mary Jane Camilleri u PC559 Jason John Spiteri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda incident awomobilistiku li sehh fit-8 ta’ Mejju, 2001, fis-1.00p.m., fuq il-Pont ta’ Selmun, il-Mistra, bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni AUS-972 misjuqa minn Mary Jane**

**Camilleri u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBK-013 misjuqa minn Michaela Hoeller Scharf.**

**2. Jirrizulta li l-attrici kienet qed issuq f'"main road" gejja mid-direzzjoni tal-Mellieha sejra fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar, niezla ssuq fil-karreggjata taghha, filwaqt li l-konvenuta kienet hierga mill-ewwel "side road" li hemm, f'dik il-parti maghrufa bhala l-Benniena, int u gej mid-direzzjoni tal-Mellieha u riedet tmur fid-direzzjoni tal-Mellieha.**

**3. Jirrizulta li l-konvenuta harget filwaqt li kienet gejja l-attrici, u l-vetturi habtu "head to head".**

**4. L-attrici kienet miexja b'velocita` ta' cirka 40kfs. Il-konvenuta fid-dikjarazzjoni taghha lill-Pulizija qalet li waqfet qabel ma harget gol-"main road", u tallega li l-attrici qabzet karrozza u l-"continuous white line" u habtet go fiha. L-attrici tinnega li qatt ma qabzet xi vettura hemm, u tispjega li qabzet il-"continues white line" f'manuvra biex tipprova tevita l-kollizzjoni meta rata hierga.**

**5. Fic-cirkostanzi it-Tribunal iqies li hu aktar verosimili dak li qed tghid l-attrici, apparti li, kif sewwa irrileva d-difensur ta' l-attrici fit-trattazzjoni tieghu, il-konvenuta kienet qed tohrog minn triq antipatika biex tohrog minnha, u jidher li l-hrug taghha kien fil-fatt intempestiv.**

**6. Kif ritenut mill-Qrati taghna:**

**"Id-driver li jkun diehel minn "side road" ghal go "main road" ghandu certi doveri x'josserva, fosthom dak li jcedi ghat-traffiku fuq il-"main road" qabel johrog fiha, u dak li jmexxi "dead slow", u sahansitra jwaqqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara…….Jekk il-provi juru li l-kawza prossima tal-kollizzjoni kienet unikament in-negligenza tas-"side road user", li b'ghemil tieghu rrenda l-kollizzjoni inevitabbli, il-"main road user" m'ghandu ebda tort fil-kollizzjoni, avolja hu kien qieghed isuq fuq il-"crown of the road", minflok fuq ix-xellug tat-triq kif jippreskrivu r-reglolamenti." (Vol.XXXVII-IV-1137)**

**7. Ghalhekk jirrizulta li l-konvenuta li kienet hierga minn "side street" li fic-cirkostanzi partikolari tal-lok, kellha tuza l-akbar diligenza gara la darba ghazlet li tohrog minn dik it-trejqa partikolari. Jirrizulta li fil-fatt**

**l-konvenuta m'uzatx id-debita diligenza, u kienet hi l-unika kawza tal-kollizzjoni li sehhet.**

**8. L-ammont ta' danni reklamati jirrizulta fl-ammont mitlub, u dana mid-dokumenti esibiti Dok.JM4 sa Dok.JM13.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, u peress illi ghall-incident kienet tahti unikament il-konvenuta, it-Tribunal jilqa' t-talba, jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident de quo, u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta fil-kwalita` taghha premessa thallas lis-socjeta` attrici noe s-somma ta' elf u disgha u ghoxrin lira Maltija u hames centezmi (Lm1029.05), u lill-attrici Mary Jane Camilleri s-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100.00), bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Dicembru, 2001 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Dicembru, 2001, u tal-procedura tal-bandi kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta noe skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------